MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Appell Civili Numru. 176/2008/1

**Ingrid Galea u l-minuri Kaylin Galea li b'digriet tat-8 ta' Mejju 2008 giet intervenuta fil-kawza u rapprezentata mill-istess Ingrid Galea**

**v.**

**Brian Degiorgio u b'digriet tas-7 ta' April 2009, gie kjamat fil-kawza d-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li ressqet l-attrici fil-25 ta' April 2008, li jaqra hekk:

“Illi l-attrici u l-konvenut m’ humiex mizzewgin;

“Illi l-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom u frott ta’ din ir-relazzjoni twieldet fid-29 ta’ Gunju, 2006 tarbija bl-isem ta’ Kaylin (Dok. A);

“Illi l-konvenut, minkejja li gie interpellat diversi drabi, qed jirrifjuta li jirrikonoxxi lit-tarbija u konsegwentement m’ huwiex qed jissomministra manteniment skond il-ligi;

“Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex tiddikjara u tiddeciedi illi:

“1. Il-konvenut huwa missier it-tarbija frott ir-relazzjoni bejn il-partijiet u dana bl-opra ta’ periti nominandi u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel il-korrezzjonijiet debiti fl-att tat-twelid tal-istess minuri;

“2. Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat minn din il-Qorti li jissomministra lill-attrici ghall-minuri dik ir-retta alimentarja li tigi ffissata minn din il-Qorti u bil-modalitajiet ukoll hekk iffissati u jithallas l-arrettrati tal-manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri Kaylin;

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt in subizzjoni.”

Rat li l-konvenut notifikat bil-procedura ta’ pubblikazzjoni u affissjoni baqa’ ma ressaq ebda risposta u baqa’ kontumaci;

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja fis-7 ta’ April 2009, li in forza taghha laqghet l-ewwel talba attrici u ddikjarat lill-attur (recte konvenut) Brian Degiorgio huwa l-missier naturali tat-tifla Kaylin li twieldet mill-attrici fid-29 ta’ Gunju 2006, bl-ispejjez jigu sopportati mill-konvenut;

Rat li dakinhar stess tas-sentenza preliminari, l-ewwel Qorti ordnat li jissejjah fil-kawza d-Direttur tar-Registru Pubbliku ta’ Malta;

Rat ir-risposta guramentata tal-imsejjah fil-kawza Direttur tar-Registru Pubbliku li in forza taghha eccepixxa illi:
“1. Illi preliminarjament l-esponent fil-mertu mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

“2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi r-rikorrent tispecifika d-dettalji personali kollha ta’ l-allegat missier naturali u cioe’ ta’ l-intimat Brian Degiorgio sabiex jekk it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqghu, dawn id-dettalji ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

“3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu il-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett.

“4. Illi l-esponent jirrileva li fir-rigward tat-tieni talba dedotta fir-rikors huwa mhux il-legittimu kontradittur.

“5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

“7. Salv eccezzjonijiet ohra.”

Rat illi fit-18 ta’ Jannar 2010, il-konvenut talab li jiggustifika l-kontumacja tieghu, u b’sentenza moghtija fis-17 ta’ Frar 2010, l-ewwel Qorti laqghet it-talba tal-konvenut biex jiggustifika l-kontumacia tieghu, u

awtorizzat lill-konvenut jipprezenta risposta fi zmien ghoxrin (20) jum minn dakinhar;

Rat ir-risposta guramentata tal-kovenut li in forza taghha ecepixxa illi:

“1. Illi fl-ewwel lok, l-intimat jiddikjara illi huwa ghandu mezzi finanzjarji limitati stante illi jinstab minghajr impjieg u sahansitra l-mezzi tieghu huma milquta minn proceduri gudizzjarji relatati mal-kummerc tieghu u ilu f'din il-posizzjoni ghal dawn l-ahhar erba’ snin. Konsegwentement huwa jista’ biss ihallas retta alimentarja ghal bintu Kaylin li tirrifletti l-istess qaghda tieghu kif gie gialadarba ritenut mill-gurisprudenza prevalenti nostrana;
“2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-intimat prezentement qieghed ihallas ir-retta alimentarja ta’ mitt Ewro (€100) fix-xahar li huma l-ghola rata ta’ retta alimentarja li huwa kapaci jhallas prezentement, u li huma qrib hafna tal-kalkoli ezorbitanti moghtija lilu mill-attrici waqt il-medjazzjoni illum maghluqa quddiem l-abbli Medjatrici Carmen Delicata, ammontanti ghas-somma ta’ mitejn u disghin Ewro (€290) komplessivament, liema somma ghandha tinqasam f’porzjoni ugwali bejn il-partijiet, kif jidher mill-prospett redatt mill-istess attrici, hawnhekk anness u immarkat dokument “BD1”;

“3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-attrici qieghdha tgawdi mill-ghola rata ta’ beneficcju socjali fil-konfront tat-tifla minuri tal-partijiet Kaylin, liema beneficci jeccedu s-somma ta’ hames mija u hamsin Ewro (€550) fix-xahar;

“4. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-attrici tinstab f’qaghda finanzjarja stabbli bbazata fuq impjieg fiss u redditizzju li certament jippermettu lill-istess stil ta’ hajja elevat;

“5. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ir-retta alimentarja li ghandha tigi ffissata minn din l-Onorabbli Qorti ghandha dejjem tirrifletti l-htigijiet tal-minuri Kaylin u mhux ta’ xi beneficcju finanzjarju tal-attrici;

“6. Illi fit-tieni lok, l-intimat jeccepixxi illi l-ebda somma m’hi dovuta minnu fil-konfront tal-arretrati tar-retta alimentarja stante illi huwa gia` hallas lill-attrici aktar minn elf u hames mitt Ewro (€1,500) akkont tas-somma wkoll ezorbitanti mitluba waqt il-Medjazzjoni illum maghluqa quddiem l-abbli Medjatrici Carmen Delicata, rapprezentanti spejjez maghmula mill-attrici reklamati bhala bzonnijiet essenzjali ghat-tifla minuri, skont il-prospett minnha pprezentat u hawnhekk anness u mmarkata “Dok BD2”;

“7. Illi finalment l-intimat jiddikjara illi huwa sallum qatt ma inghata access lit-tifla minuri tieghu Kaylin;

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri permess mil-Ligi.”

Rat is-sentenza finali li l-istess Qorti Civili Sezzjoni Familja, tat fis-7 ta’ Dicembru 2010, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

“…tilqa’ t-tieni talba, u tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici retta alimentarja ta’ mitja u sittin ewro [€160] fix-xahar bhala l-kontribut tieghu ghall-manteniment ta’ bintu Kaylin, fl-ewwel ta’ kull xahar; liema retta alimentarja tinkludi l-ispejjez ordinarji relatati mas-sahha tal-minuri, u spejjez ordinarji ta’ l-edukazzjoni ta’ l-istess; il-konvenut huwa wkoll ordnat ihallas lill-attrici s-somma ta’ tmient elef hames mija u ghoxrin ewro [€8,520] rapprezentanti manteniment arretrat mid-29 ta’ Gunju 2006 sas-7 ta’ Dicembru 2010, mill-liema ammont ghandha titnaqqas is-somma ta’ elf, hames mija u erbatax-il ewro u hamsin centzmi [€1,514.50] [LM650] gja mhallsa mill-konvenut.

“L-ispejjez tat-tieni talba jkunu a kariku tal-konvenut in kwantu ghal tlett kwarti [$^{3}/_{4}$], filwaqt li l-kumplament jibqghu a kariku ta’ l-attrici.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi dan il-gudizzju jikkoncerna t-tieni talba ta’ l-attrici, li permezz taghha qeda titlob li din il-Qorti tiffissa retta alimentarja pagabbli mill-konvenut lilha, bhala manteniment ghal binthom komuni kaylin li twieldet fid-29 ta’ Gunju 2006.

“Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici tghix principalment bil-beneficju socjali filwaqt li taghmel xoghol part-time li fis-sena 2009 minnu ppercepiet paga bazika ta’ €40.10 fil-gimgha. Minn naha tieghu l-konvenut fis-sena 2008 dahhal gross l-ammont ta’ €9,457.

“Illi, ghalkemm il-konvenut jghid li fil-prezent huwa dizokkupat, mill-prospett prezentat minnu jrrizulta li huwa jiggestixxi negozju relatat mal-bini, izda li skond hu qed imexxi b’ telf. Inoltre, ma gie prezentat ebda dokument in sostenn ta’ l-allegazzjoni tieghu li huwa dizokkupat.

“Illi din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi akkwiziti, u hadet ukoll konjizzjoni tal-kontenut tar-rikors prezentat mill-konvenut fl-4 ta’ Awwissu 2010; kif ukoll, tenut kont tal-mezzi tal-partijiet, tenut kont tal-fatt li l-obbligu tal-genitur li jikkontribwixxi ghall-manteniment ta’ uliedu huwa assolut, ghajr ghall-kaz ta’ impossibbilita’ reali li jiggenera ntrojtu, tenut kont ukoll li l-konvenut ghandu wild iehor xi mantni, u wkoll tenut kont tal-fatt li l-attrici wkoll ghadha relattivament zghira u f’ eta’ li tista’ tiggenera ntrojtu sabiex tikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tifla, il-Qorti hija tal-fehema li l-kontribut tal-konvenut ghall-manteniment ta’ bintu ghandu jkun ta’ €160 fix-xahar, liema ammont jinkludi l-ispejjez [ordinarji] ta’ sahha u ta’ l-edukazzjoni tal-minuri.

“Illi in kwantu ghall-arretrati l-Qorti tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici manteniment ghat-tifla mid-29 ta’ Gunju 2006 bl-imsemmija rata, stante li f’ dak iz-zmien l-attrici kellha anqas opportunita’ li tiggenera ntrojtu, stante l-eta’ tenera tat-tifla. Minn din is-somma hekk komputata, li tammonta ghal tmient elef hames mija u ghoxrin ewro [€8,520][1] ghandha titnaqqas is-somma ta’ elf, hames mija

[11] [€160 x 12 x 4] + [€160 x 5] + [€40]

u erbatax-il ewro u hamsin centzmu [€1,514.50] [LM650] gja mhallsa mill-konvenut."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab biex din il-Qorti joghgobha:

"...tvarja s-sentenza appellata tas-7 ta' Dicembru 2010 moghtija fil-kawza fl-ismijiet premessi billi: 1) thassar u tirrevokaha inkwantu li dik is-sentenza ordnat *ultra petita* l-hlas lill-attrici tal-manteniment arretrat mid-29 ta' Gunju 2006 sad-data tas-sentenza, liema pretenzjoni ma kienetx tinkwadra ruhha fit-talbiet impostati mill-attrici; u 2) tnaqqas u tirriduci l-manteniment ordnat li jithallas ghall-wild minuri, f'ammont li jidrhilha xieraq tenut kont il-mezzi tal-appellant u l-obbligu tal-appellata li tahdem u tikkontribwixxi ghall-manteniment ta' bintha minuri."

Rat ir-risposta tal-appell u l-appell incidentali tal-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet biex fl-ewwel lok, l-appell tal-konvenut jigi michud u biex fit-tieni lok din il-Qorti joghgobha:

"...tvarja s-sentenza appellata tas-7 ta' Dicembru 2010 moghtija fil-kawza fl-ismijiet premessi fejn waqt li tikkonferma l-ordni ta' hlas tal-kontro-parti lill-esponenti ta' retta alimentarja bl-arretrati mid-data tat-twelid tat-tarbija, hija tvarjaha billi zzid u tawmenta l-manteniment ordnat li jithallas ghall-wild minuri f'ammont li jidhrilha xieraq."

Rat ir-risposta tal-konvenut ghall-appell incidentali tal-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, xejjen it-talba attrici ghall-awment fir-rata ta' manteniment iffissata;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attrici qed tallega li bintha Kaylin hi l-frott ta' relazzjoni li kellha mal-konvenut Brian Degiorgio, u talbet dikjarazzjoni f'dan is-sens. L-attrici talbet ukoll li l-konvenut ihallas manteniment ghall-minuri, b'arretrati mid-data tat-twelid tal-imsemmija minuri.

L-ewwel Qorti laqghet l-ewwel talba bis-sentenza tas-7 ta' April 2009, u ddikjarat li l-minuri, ghalkemm registrata bhala bint missier mhux maghruf, hija fil-fatt wild naturali tal-konvenut. Kontra din is-sentenza ma tressaq ebda appell. L-ewwel Qorti, mbaghad ghaddiet biex tiffissa manteniment fis-somma ta' €160 fix-xahar, u ordnat ukoll lill-konvenut ihallas is-somma ta' €8,520 rapprezentanti manteniment arretrat mid-29 ta' Gunju 2006, sas-7 ta' Dicembru 2010, mil-liema ammont ghandha titnaqqas is-somma ta' €1,514.50 gia` mhallsa mill-konvenut.

Il-partijiet it-tnejn appellaw mir-rata ta' manteniment iffissat mill-ewwel Qorti, bil-konvenut irid ihallas anqas u l-attrici trid izjed. Qabel xejn, din il-Qorti trid tistharreg l-allegazzjoni tal-konvenut li l-kundanna ghal hlas ta' attetrati ta' manteniment kienet ultra petita.

Fuq dan il-punt, din il-Qorti tirrileva li, fir-rikors promotorju tal-gudizzju, l-attrici ma talbitx hlas ta' arretrati, pero`, b'rikors ipprezentat fl-14 ta' Jannar 2010, talbet li tizdied talba fis-sens li l-konvenut ikun ikkundannat ihallas l-arretrati tal-manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri. Fl-udjenza tat-28 ta' Jannar 2010, quddiem l-ewwel Qorti, li ghaliha kienu prezenti l-konvenut u d-difensur tieghu, gie vverbalizzat li l-konvenut "ma joggezzjonax ghat-talba", u ghalhekk il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li ssir iz-zieda mitluba; fl-istess seduta, il-konvenut ta ruhu notifikat bir-rikors guramentat kif korrett. Kontra dak id-digriet u l-ordni tal-ewwel Qorti li tizdied it-talba relattiva ma gie mressaq ebda appell mill-konvenut. Kwindi, meta l-ewwel Qorti ddecidiet li tordna l-hlas ta' arretrati, ma ddecidiet xejn ultra petita, izda ddecidiet talba debitament imressqa mill-attrici.

Dwar ir-rata ta' manteniment, il-konvenut jiddikjara illi huwa lest li jhallas manteniment ghal bintu minuri, pero`,

ic-cirkostanzi ma jippermettulux ihallas aktar minn €100 fix-xahar. Hu vera li bhala passiv ghandu jaghti ’l fuq minn miljun Ewro, u l-proprjeta` immobbli li ghandu, valutati ghal madwar €700,000, huma ipotekati favur il-banek li maghhom ghandu l-parti ’l kbira mid-dejn. Tajjeb li jinghad, pero`, li mhux il-passiv kollu jinsab korroborat b’dokumenti jew xhieda, u hemm mal-€200,000 indikati bhala dejn li ma jinsabu korroborati b’xejn, bil-“prova” tkun biss l-istqarrija tal-konvenut. Il-konvenut ghandu tarbija ohra minn mara ohra li ghaliha gie kkundannat ihallas bhala manteniment is-somma ta’ Lm120 (ossija €219.52) fix-xahar. Il-konvenut jghid ukoll illi, fuq bazi mensili, ghandu dhul ta’ €1,350 u hrug ta’ €1,047. Hu jghid li l-attrici tircievi somma tajba f’assistenza socjali u m’ghandhiex bzonn flus diretti minghandu.

Fuq dan l-ahhar punt, il-Qorti kienet gia` osservat f’sentenzi precedenti li l-obbligu ta’ manteniment ghat-tfal hu tal-genituri u mhux tal-Istat; x’tista’ qed tircievi l-omm mill-Istat bhala ghajnuna huwa rrilevanti ghal fini tal-fissazzjoni tar-retta alimentari pagabbli mill-genitur indiskret. L-obbligu huwa principalment tal-genituri, u l-Istat jindahal li jghin biss meta l-genituri realment u fil-verita` ma jistghux, b’hidmiethom, jaghtu bizzejjed lill-uliedhom.

Il-konvenut f’dan il-kaz huwa *self-employed* u jinnegozja l-bini, b’missier l-attrici jghid li meta darba ltaqa’ mal-konvenut dan qallu li kellu problema jhallas manteniment ghax flusu kienu jinsabu barra minn Malta. Meta fil-kawza li fiha gie ordnat ihallas manteniment ghat-tifla l-ohra li ghandu l-Qorti ghamlet stharrig tad-dhul tieghu, hi osservat illi l-konvenut “huwa *self-employed*, jidher illi qed ikollu dhul tajjeb mill-attivita` kummercjali tieghu”. Kontra dik id-decizjoni li nghatat fit-13 ta’ Lulju 2007, il-konvenut ma appellax u allura baqa’ sokkombenti ghal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li hu “qed ikollu dhul tajjeb”.

Il-konvenut, apparti interessi personali, huwa wkoll l-uniku azzjonist u direttur ta’ kumpanija, Elaborate Design Ltd, li mill-kopji tal-*accounts* esebiti ma tidhirx li sejra tajjeb bix-*shareholders’ equity* ikun dejjem fin-negattiv ghal dawn l-

ahhar tliet snin. Jidher pero`, li l-konvenut ghandu *lifestyle* li giet deskritta 'affluwenti hafna', ghax ihobb isiefer u jilbes ilbies tad-ditta.

Meta tqis dan kollu, din il-Qorti hasbet fit-tul dwar ghandhiex tiddisturba d-deskrizzjoni tal-ewwel Qorti meta ddeterminat manteniment ta' €160 fix-xahar. Din il-Qorti xtaqet li kellha aktar provi konkreti dwar id-dhul veru tal-konvenut, pero`, trid toqghod fuq li hemm, u ghalkemm ghandha suspett li l-konvenut verament jaqlaghha tajjeb, ma tistax taqbad u zzid il-manteniment fuq supposizzjonijiet. Il-konvenuta trid tifhem li l-Qorti trid timxi a bazi ta' provi konkreti, u ghalkemm tapprezza li meta missier it-tarbija jkun *self-employed* ma jkunx facli li titressaq prova dwar id-dhul veru ta' dak li jkun, il-Qorti ma tistax tiffissa manteniment gholi ghax ikollha suspett li l-missier ghandu dhul mohbi.

Hu veru li fl-2007, il-Qorti ordnat il-hlas ta' €219.52 bhala manteniment ghall-minuri li l-konvenut kellu ma' mara ohra, pero`, mill-assjen tal-provi prodotti, jidher li minn dak iz-zmien is-sitwazzjoni tal-konvennut marret ghall-aghar, u allura tara li ghandha tikkonferma, *rebus sic stantibus*, id-decizjoni tal-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tichad kemm l-appell tal-konvenut, kif ukoll l-appell incidentali tal-attrici, u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez in prim istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, waqt li dawk marbuta ma' dan it-tieni stadju jithallsu kwantu ghal terz mill-attrici u zewg terzi mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------